EFCA EMSA FRONTEX










# Kooperazzjoni Ewropea dwar il-funzjonijiet tal-gwardja tal-kosta

# **Naħdmu flimkien fuq il-baħar:** Kooperazzjoni Ewropea dwar il-funzjonijiet tal-gwardja tal-kosta



**Il-kooperazzjoni Ewropea dwar il-funzjonijiet tal-gwardja tal-kosta** tiddeskrivi l-isforzi tal-EFCA, l-EMSA u l-Frontex biex **jingħaqdu flimkien u jissimplifikaw l-attivitajiet** biex jagħtu appoġġ lill-awtoritajiet nazzjonali li jwettqu l-funzjonijiet tal-gwardja tal-kosta **fil-livell nazzjonali u tal-UE**, u fejn xieraq, f'livell internazzjonali.

# X'inhuma l-funzjonijiet tal-gwardja tal-kosta?

Il-funzjonijiet tal-gwardja tal-kosta huma mifhuma bħala dawk li ssir referenza għalihom mit-tliet aġenziji b'mod komuni fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1222 tal-20 ta' Lulju 2021 li tistabbilixxi "Manwal Prattiku" dwar il-kooperazzjoni Ewropea dwar il-funzjonijiet tal-gwardja tal-kosta:

- **Is-sikurezza marittima, inkluż il-ġestjoni tat-traffiku tal-bastimenti**
- **Spezzjoni u kontroll tas-sajd**
- **Il-protezzjoni u r-rispons tal-ambjent marittimu**
- **Tfittxija u salvataġġ marittimi**
- **Attivitajiet doganali marittimi**
- **Is-sigurtà marittima, tal-vapuri u tal-portijiet**
- **Servizz ta' assistenza għal diżgrazzji fuq bastimenti u ta' assistenza marittima**
- **Kontroll fuq il-fruntiera marittima**
- **Monitoraġġ u sorveljanza marittimi**
- **Ir-rispons għal aċċidenti u diżastri marittimi**
- **Prevenzjoni u trażżin tat-traffikar u l-kuntrabandu u infurzar tal-liġi marittima mehmuża**

# **Min huma l-Aġenziji** involuti fil-funzjonijiet tal-gwardja tal-kosta fil-livell Ewropew?

**Tliet aġenziji Ewropej** jagħtu appoġġ lill-awtoritajiet nazzjonali fit-twettiq tal-kompiti tagħhom tal-gwardja tal-kosta:

EFCA — Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd,

EMSA — Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima,

FRONTEX — Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta

L-**EFCA** tiffoka fuq koordinazzjoni operazzjonali tal-kontroll tas-sajd u attivitajiet ta' spezzjoni li jikkontribwixxu għal konformità mtejba u kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-industrija tas-sajd u finalment għal sajd sostenibbli.

L-**EMSA** sservi l-interessi marittimi tal-UE għal settur marittimu sikur, sigur, ekoloġiku u kompetittiv. Taġixxi bħala punt ta' referenza affidabbli u rispettat fis-settur marittimu fl-Ewropa u madwar id-dinja.

Il-**Frontex** timmira għal titjib fil-ġestjoni tal-fruntieri esterni u tiżgura livell għoli ta' sigurtà interna fl-UE u tindirizza l-kriminalità transfruntiera.




# **Għaliex nikkooperaw?**

**L-ibħra ta' madwar l-Ewropa huma post impenjat**, li jakkomodaw firxa wiesgħa ta' attivitajiet bħal merkanzija internazzjonali u domestika u trasport tal-passiġġieri, sajd, produzzjoni taż-żejt u l-gass, kif ukoll attivitajiet tat-turiżmu u ta' rikreazzjoni. Fl-istess ħin, il-qasam marittimu huwa espost għal għadd ta' riskji bħal aċċidenti, tniġġis tal-baħar, sajd illegali, terroriżmu, piraterija, faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' bnedmin u reati kriminali transfruntieri oħra.

**Fl-Unjoni Ewropea**, hemm għadd ta' awtoritajiet responsabbli għal funzjonijiet differenti tal-gwardja tal-kosta. Aktar minn 300 awtorità ċivili u militari fl-Istati Membri jaħdmu flimkien bla heda biex jiżguraw li l-attivitajiet li jkunu qed iseħħu fuq il-baħar ikunu sikuri, siguri, leġittimi u ambjentalment sostenibbli.

**Biex jintlaħaq il-kompitu** ta' monitoraġġ ta' attivitajiet marittimi u ta' appoġġ ta' missjonijiet operazzjonali fuq il-baħar, l-EFCA, EMSA u l-Frontex saħħu l-kooperazzjoni tagħhom għall-benefiċċju tal-awtoritajiet kollha involuti.



# Kif nikkooperaw?

L-EFCA, EMSA u l-Frontex jagħtu appoġġ lill-**kooperazzjoni Ewropea dwar il-funzjonijiet tal-gwardja tal-kosta b'manjiera kkoordinata** b'kull aġenzija li taħdem fl-oqsma tal-mandat u r-responsabbiltajiet tagħha.

Dawn it-tliet aġenziji Ewropej jikkooperaw flimkien biex jagħtu appoġġ lill-awtoritajiet nazzjonali fit-twettiq tal-funzjonijiet tal-gwardja tal-kosta bil-kondiviżjoni ta' informazzjoni marittima, billi jipprovdu servizzi ta' sorveljanza u komunikazzjoni, il-bini ta' kapaċità, bl-analiżi ta' sfidi operazzjonali u r-riskji emerġenti fil-qasam marittimu kif ukoll fil-kondiviżjoni tal-kapaċitajiet permezz tal-iżvilupp ta' operazzjonijiet marittimi bi skopijiet multipli.




# X'inhi l-bażi legali?

L-EFCA, l-EMSA u l-Frontex ilhom jaħdmu flimkien għal ħafna snin.

**Fl-2016, il-kooperazzjoni tagħhom ġiet formalizzata** permezz ta' proposta leġiżlattiva mill-Kummissjoni Ewropea li twassal għall-emenda tar-Regolamenti fundaturi tat-tliet aġenziji bid-dħul ta' artikolu komuni dwar "il-kooperazzjoni Ewropea fil-Funzjonijiet tal-Gwardja tal-Kosta".

**Fl-2017, l-aġenziji ħadu pass sinifikanti** fl-istrutturar tal-kooperazzjoni tagħhom billi ffirmaw l-Arranġament ta' Ħidma Tripartitiku.

**Fit-18 ta' Marzu 2021, l-aġenziji komplew isaħħu** l-kooperazzjoni Ewropea dwar il-funzjonijiet tal-gwardja tal-kosta, peress li l-Arranġament ta' Ħidma Tripartitiku ġie mġedded għal perjodu indefinit.



www.efca.europa.eu
www.emsa.europa.eu
www.frontex.europa.eu

© Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex), 2022

PDF:
TT-07-22-141-MT-N
ISBN 978-92-9467-293-3
doi 10.2819/331302

Stampar:
TT-07-22-141-MT-N
ISBN 978-92-9467-405-0
doi 10.2819/331302

FPI 21.0128